**29 ta' Settembru, 1959**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. J. Flores, B.L. Can., LL.D.**

Onor. Mabel Strickland, O.B.E.

*versus*

Joseph Micallef Stafrace, B.A., LL.D.

**Libell — "Fair Comment" — Ġudikat — "Jus Retorsionis" — Diffamazzjoni.**

*Komment, f'materja ta' ġurja bl-istampa, hu kostitwit minn espressjoni ta' opinjoni, u huwa l-illazzjoni li l-kittieb jiġbed mill-fatti. U biex l-eċċezzjoni ta' komment ġust tista' tiġi anki biss kunsidrata, hu meħtieġ li tkun saret narrazzjoni sostanzjalment eżatta tal-fatti li fuqhom il-komment ikun bażat, biex b'dal-mod min jaqra jitqiegħed fil-pożizzjoni li jkun jista' jaqbel jew ma jaqbelx mal-konklużjonijiet li għalihom ikun wasal il-kittieb.*

*Biex ikun hemm il-ġudikat, u hekk l-applikazzjoni tar-regola "non bis in idem", irid ikun hemm l-istess fatt fiż-żewġ kawżi; u l-istess fatt ikun hemm meta jkun hemm l-istess atti u l-istess effett bl-elementi kollha kostituttivi tar-reat; mhix l-identità tal-"azzjoni" li twassal għad-divjet tal-"non bis in idem", imma l-identità tal-"fatt"; b'mod li meta l-azzjoni penali l-ġdida jkollha bħala oġġett fatt li, għalkemm konness ma' dak preċedentement ġudikat, jippreżenta "event" materjalment divers, li lanqas impliċitament ma jkun ġie valutat fl-ewwel proċess, ma jkunx hemm il-vjolazzjoni tal-ġudikat. Għaldaqstant, jekk l-imputat kien ġa ġie kundannat bħala ħati ta' reat ta' publikazzjoni ta' materjal sedizzjus, ma jistgħax jinvoka l-ġudikat f'kawża li ssirlu wara għax b'dik il publikazzjoni huwa offenda l-unur u r-riputazzjoni tal-persuna li pproċediet kontra tiegħu bit-tieni kawża.*

*Hija regola illi l-eżimenti tal-"jus retorsionis", bħala rinunzja da parti tal-Istat għall-potestà punittiva, ma hix applikabbli f'każ ta' diffamazzjoni, jew attribuzzjoni ta' fatt determinat, bħala mezz tar-ritorsjoni, imma biss f'każ ta' nġurja.*

Il-Qorti:— Rat ir-rikors li bih l-imsemmi Joseph Stafrace appella mis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta tat-18 ta' April 1959, u talab li jiġi liberat minn kull imputazzjoni u piena;

Rat l-imsemmija sentenza, li biha l-appellanti ġie misjub ħati talli fl-artikolu ntitolat "Mabel Tiddefendi l-Manigoldi Ngliżi", publikat fil-ħarġa tas-"Sebħ" tat-13 ta' Ottubru 1958, huwa ta malafama lill-kwerelanti billi attribwielha fatti determinati bi skop li joffendi l-unur tagħha u jesponiha għad-disprezz tal-publiku, u ġie kundannat għall-multa ta' £10 u għall-ħlas tal-ispejjeż tal-kawża; blordni illi fil-ġurnal "Il-Ħelsien", li tiegħu l-kwerelat hu editur, jippublika, fi żmien xagħar, sunt tas-sentenza fittermini tal-art. 23 tal-Liġi tal-Istampa, Kap. 117;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Fil-ħarġa tal-gazzetta "Is-Sebħ" tat-8 ta' Ottubru 1958, li tagħha kien editur il-kwerelat, ġie publikat editorjal bittitolu "Barbariżmu Ingliż f'Ċipru", fejn intqal:— "Il-barbariżmu tas-suldati ngliżi waqt it-tiftix li għamlu fid-djar matul il-lejl ta' bejn il-Ġimgħa u s-Sibt wara l-qtil ta' Mrs. Sutcliffe, għandu jħammar wiċċ il-Gvern Ingliż, dak il-Gvern li tant tkaża bil-massakri tar-Russi fl-Ungerija. Veru li ċ-Ċiprijotti, fil-ġlieda tal-ħelsien, kultant qed ikollhom joqtlu lil dak u lill-ieħor; iżda dan mhux tort tal-Gvern Ingliż stess? Il-poplu ċiprijott iġġieled għall-ħelsien bilmezzi legali possibbli kollha. L-Ingilterra ma riedetx taf, u baqgħet truxa għall-għajta tal-poplu ċiprijott. X'inhu l-qtil ta' suldat ingliż u ta' mara ngliża ħdejn id-delitti li l-Gvern Ingliż qed jagħmel kontra d-drittijiet tal-poplu ċiprijott?;

Fil-ħarġa tas-Sibt, tat-13 ta' Ottubru 1958, ġie publikat editorjal bit-titolu "Mabel Tiddefendi l-Manigoldi Ngliżi". li jifforma l-merita ta' dil-kawża;

Jingħad f'dan l-artikolu illi "wara l-qtil ta' Mrs. Sutcliffe ġo Famagusta l-awtoritajiet ingliżi ordnaw tfittxija immedjata għall-qattiela, bir-riżultat li erbgħa pajżani, fosthom tifla, sfaw mejta, u aktar minn mitejn ġarrbu ġrieħi, bibien ġew sfundati, għamara mkissra, kien hemm biża' u twerwir ta' nisa u tfal innoċenti x'ħin raw djarhom invażi minn manigoldi ta' dix-xorta". L-artikolu jkompli:— "Barbariżmu bħal dan mhux biss jiġbed għal fuqu l-istmerrija tad-dinja kollha, iżda jkompli jagħmel aktar sewda l-istorja tal-armata ngliża fil-kolonji bħala l-mezz ta' repressjoni u skjavitù. Dak li ġara ġo Famagusta sar ukoll tliet ġimgħat qabel ġo Paphos. Jidher ċar li l-Gvern Ingliż tilef il-kontroll fuq is-sitwazzjoni għal kollox. F'Ċipru qegħda tirrenja l-konfużjoni. Liema konfużjoni hija akbar minn dik li tara fis-suldati ngliżi jitħallsu b'idejhom minn pajżani innoċenti? Li tara s-suldati ngliżi jivvendikaw ruħhom minn nisa u t-tfal? Għax aħna pprotestajna kontra dan il-barbariżmu, sibna l-kundanna tal-istampa ta' Mabel Strickland, li ma kellha anqas kelma waħda biss ta' tmaqdir għal dan il-massakru tal-innoċenti ġo Ċipru. Aħna m'aħniex favur il-vjolenza; imma l-vjolenza

nikkundannawha minn kull fejn tiġi u taħt kull sura li tiġi. Li gvern b'saħħtu jimponi r-rieda tiegħu fuq poplu żgħir u dgħajjef hija vjolenza ferm aktar kerha u kundannabbli minn dik il-vjolenza sporadika li tikkaġuna l-vjolenza ta' qabel kontra d-drittijiet ta' poplu żgħir. Huwa f'dan il-kwadru li aħna npoġġu l-qtil ta' Mrs. Sutcliffe. Għalhekk aħna ngħidu:—"X'inhuwa l-qtil ta' mara ngliża ħdejn iddelitti li l-Ingliżi qed jikkommettu kontra d-drittijiet ta' poplu sħieħ?" Izda issa kellna żvilupp ieħor tassew ikraħ. Iċ-Ċiprijotti qed jallegaw illi l-qtil ta' Mrs. Sutcliffe sar mill-organizzazzjoni ngliża Cromwell, naturalment bl-iskop bestjali li t-truppi ngliżi jkeskuhom aktar kontra l-poplu ta' Ċipru. U min jiddubita li l-Ingliżi ma għandhomx ħila jikkommettu qerq ta' din ix-xorta? Aħna, li nafu d-dispotiżmu, l-ipokrisija, l-iskjavitù, u n-nuqqas ta' skruplu mill-Ingliżi fil-kolonji, ma għandna ebda dubju li l-Ingliżi jaslu biex jikkommettu qerq bħal dan. Ta' min jiftakar illi l-qtil ta' Mrs. Sutcliffe sar propju ftit wara li twaqqfet l-organizzazzjoni terroristika ngliża Cromwell. Bla tlaqliq, aħna ngħidu li nippreferu nemmnu liċ-Ċiprijotti milli lill-Ingliżi";

B'ittra tal-15 ta' Ottubru 1958 il-kwerelanti talbet lill-kwerelat biex, skond l-art. 22 tal-Liġi tal-Istampa, jippublika d-dikjarazzjoni li tinsab a fol. 9 tal-proċess fl-istess ismijiet ta' dak tal-lum, deċiż minn dil-Qorti fl-14 ta' Frar 1959, li għaliha saret riferenza. Il-kwerelat kien irrifjuta l-publikazzjoni mitluba, billi rritjena li l-ittra kienet offensiva u kienet tikkontjeni materjal estraneu għall-artikolu in kwistjoni. B'sentenza ta' dil-Qorti, diversament presjeduta, tal-14 ta' Frar 1959, fuq l-imputazzjoni ta' rifjut li jippublika dikjarazzjoni skond l-art. 22 tal-Kap. 117, ġie ritenut li r-rifjut tal-kwerelat kien ġustifikat;

Fuq l-istess artikolu "Mabel Tiddefendi l-Manigoldi Ingliżi", il-kwerelat kien ġie proċessat u kundannat taħt l-art. 6, 2 u 10(2) tal-Kap. 111 u l-art. 20 tal-Kodiċi Kriminali, b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta tad-9 ta' Jannar 1959, li għaddiet f'ġudikat;

Ikkunsidrat;

L-appellanti eċċepixxa fl-ewwel lok li l-artikolu in kwistjoni huwa komment ġust fuq id-dikjarazzjoni tal-Partit Kostituzzjonali Progressiv, u li lill-kwerelanti, li hija magħrufa fil-pulitika li tieħu parti favur dak kollu li huwa ingliż, b'ebda mod ma jagħmillha ħsara;

Hu risaput li "komment" huwa kostitwit minn espressjoni ta' opinjoni, u huwa l-illazzjoni li l-kittieb jiġbed mill-fatti. Biex l-eċċezzjoni ta' komment ġust tista' tiġi anki biss kunsidrata, hu meħtieġ li tkun saret narrazzjoni sostanzjalment eżatta tal-fatti li fuqhom il-komment ikun bażat, biex b'dal-mod min jaqra jitqiegħed fil-pożizzjoni li jkun jista' jaqbel jew ma jaqbelx mal-konklużjonijiet li għalihom ikun wasal il-kittieb;

Il-kwerelat jippretendi li hu kkommenta ġustament, fl-artikolu in kwistjoni, fuq dik ir-riżoluzzjoni tal-Progressive Constitutional Party fuq riferita. Iżda dik ir-riżoluzzjoni, bħala fatt essenzjali għat-termini tal-komment, ma tidherx f'dak l-artikolu. Lanqas ma rriżulta li hija ġiet publikata xi darba fis-"Sebħ", biex b'hekk il-qarrejja ta' dal-ġurnal li, speċjalment f'materja pulitika, mhumiex neċessarjament il-qarrejja ta' ġurnali oħra, ikollhom quddiemhom il-fatti kollha;

Jingħad f'dak l-artikolu li l-kwerelanti "iddefendiet il-manigoldi ngliżi". Fin-nuqqas tal-fatti kollha, din l-espressjoni, f'lok komment, tikkostitwixxi, hija stess, dikjarazzjoni ta' fatt li, jekk jikkostitwixxi inġurja, l-unika difiża għaliha hija l-prova tal-verità;

Mhuwiex in kwistjoni, hawnhekk, jekk il-kwerelat kienx intitolat jifforma l-opinjonijiet tiegħu bil-latitudini kollha xierqa għall-espressjoni libera f'materja ta' nteress publiku, imma jekk il-qarrejja tal-ġurnal tiegħu ġewx imqegħda quddiem il-fatti a bażi tal-opinjoni tiegħu, kif fir-realtà huma ma ġewx imqegħda;

Dak l-artikolu sostanzjalment jiddeskrivi l-aġir tas-suldati ngliżi, indikati bħala "manigoldi", wara l-qtil ta' Mrs. Sutcliffe, bħala "massakru tal-innoċenti", u huwa

attribwit lill-kwerelanti fit-titolu tal-artikolu, aktar milli hija ma tikkundannax dan l-aġir, li hija tiddefendieh, qiesha għamlet l-apoloġija tar-reati li setgħu ġew kommessi f'dik l-okkażjoni;

Ma hemmx dubju illi attribuzzjoni bħal din, magħmula intenzjonalment, tagħti malafama lill-kwerelanti u tesponiha għad-disprezz tal-publiku, u hija libelluża. U xejn ma jiswa l-komment tal-kwerelat li l-kwerelanti hija magħrufa li fil-pulitika dejjem tieħu parti favur dak kollu li huwa ngliż quddiem l-addebitu speċifiku li, f'din l-okkażjoni, hija ddefendiet l-aġir, deskritt kif inhu fl-artikolu taħt eżami, tat-truppi ngliżi f'Ċipru;

Għal dak li jirrigwarda r-riżoluzzjoni tal-partit politiku li tiegħu l-kwerelanti hija l-kap, ma hemm fiha ebda difiża tal-kondotta tas-suldati ngliżi. Hemm fiha deplorazzjoni u kundanna ta' dak li hu kwalifikat "the undisguised condonation in the said article of the recent murder in Cyprus of Mrs. Sutcliffe"; iżda bħala fatt ma hemm ebda difiża jew kondonazzjoni tad-diportament tat-truppi ngliżi. Il-Qorti tagħmel enfasi li "bħala fatt", in kwantu, għar-raġunijiet premessi, il-Qorti ma tistax teżamina t-titolu tal-artikolu nkriminat bħala komment fuq dik ir-riżoluzzjoni;

Għalhekk, l-ewwel eċċezzjoni tal-kwerelat hija infondata;

Fit-tieni lok, il-kwerelat eċċepixxa l-ġudikat mħabba fis-sentenza riferita tad-9 ta' Jannar 1959, mogħtija kontra tiegħu;

B'dik is-sentenza, il-kwerelat kien ġie kundannat, in meritu għall-artiklu tat-8 ta' Ottubru 1959 u dak f'dil-kawża, talli stampa, ippublika, offra għall-bejgħ u biegħ, materjal sedizzjuż, skond l-art. 2 u 6 tal-Kap. 111 tal-Liġijiet;

Biex ikun hemm il-ġudikat, u hekk l-applikazzjoni tar-regola "non bis in iidem", irid ikun hemm l-istess fatt fiż-

żewġ kawżi. L-istess fatt ikun hemm meta jkun hemm l-istess atti u l-istess effett bl-elementi kollha kostituttivi tar-reat. Mhix l-identità tal-"azzjoni" li twassal għad-divjet tal-"non bis in idem", imma l-identità tal-"fatt". Meta l-azzjoni penali l-ġdida jkollha bħala oġġett fatt li, għalkemm konness ma' dak preċedentement ġudikat, jippreżenta "event" materjalment divers, li lanqas impliċitament ma jkun ġie valutat fl-ewwel proċess, ma jkunx hemm il-vjolazzjoni tal-ġudikat;

F'dan il-każ, għalkemm hemm l-istess kontest ta' azzjoni, ma hemmx fiż-żewġ kawżi l-element tal-istess fatt. L-obbjettività ġuridika tar-reat ta' publikazzjoni ta' materjal sedizjuż hi diversa minn dik tal-offiża għall-unur u riputazzjoni, l-atti għaż-żewġ reati huma distinti, kif inhu distint l-"event" immedjatament prodott b'dawk l-atti; u bejn iż-żewġ eventi ma hemm ebda inseparabbilità, la naturali u lanqas ġuridika; u l-event tad-diffamazzjoni lanqas impliċitament ma ġie valutat fl-ewwel proċess. Iż-żewġ fatti huma distinti, u ż-żewġ reati jikkonkorru mhux idealment, imma "realment";

Għalhekk, bl-azzjoni preżenti ma hemmx vjolazzjoni tal-ġudikat;

Il-kwerelat, subordinatament, eċċepixxa l-eżimenti tal-"jus ritorsionis", fuq il-motiv li r-riżoluzzjoni tal-Partit Kostituzzjonali, li magħha aderiet il-kwerelanti, kienet inġurjuża għall-esponenti, billi l-artikolu tiegħu tat-8 ta' Ottubru 1958 bl-ebda mod ma jista' jingħad approvazzjoni "ċara" tal-qtil ta' Mrs. Stucliffe;

Din l-eċċezzjoni mhix sostenibbli;

Il-provi prinċipali f'dil-kawża huma l-artikolu tas-"Sebħ" tat-8 ta' Ottubru 1958, ir-riżoluzzjoni tal-Progressive Constitutional Party mibgħuta lit-"Times bid-data tal-10 ta' Ottubru 1958, publikata f'dak il-ġurnal l-għada 11 ta' Ottubru 1958, l-artikolu in kwistjoni tat-13 ta' Ottubru, u l-ittra tal-kwerelata għall-publikazzjoni tar-risposta tagħha. Meta jingħad fl-artikolu nkriminat "għax aħna

ipprotestajna kontra dak il-barbariżmu sibna l-kundanna tal-istampa ta' Mabel Strickland, li ma kellha anqas kelma waħda biss ta' tmaqdir għal dak il-massakru tal-innoċenti ġo Ċipru", u dan taħt it-titolu "Mabel Tiddefendi lill-Manigoldi Ingliżi", il-kwerelat ġie attribwixxa lill-kwerelanti fatt determinat, ċjoè dak li hija ddefendiet l-okkorrenzi li ġraw Ċipru deskritti mill-kwerelanti a kariku tas-suldati ingliżi, u dan għax il-kwerelat ipprotesta kontra "dan il-barbariżmu";

Hija regola li l-eżimenti tal-"jus ritorsionis", bħala rinunzja da parti tal-Istat għall-potestà punittiva, ma hix applikabbli f'każ ta' diffamazzjoni, jew attribuzzjoni ta' fatt determinat, bħala l-mezz tar-ritorsjoni, imma biss f'każ ta' inġurja, imħabba fl-entità żgħira tal-event kriminuż, li biha jiġi ritort l-addebitu magħmul lil min jirritorċieh. Id-difensur tal-kwerelanti osserva illi l-addebitu kontenut fir-riżoluzzjoni tal-partit tal-kwerelanti bil-kliem "the undisguised condonation in the said article of the recent murder in Cyprus of Mrs. Sutcliffe" jinsab ġustifikat b'dak li ntqal fl-artikolu relattiv, u ċjoè "veru li ċ-Ċiprijotti fil-ġlieda tal-ħelsien kulltant qed ikollhom joqtlu lil dak u lill-ieħor", u "x'inhu l-qtil ta' suldat u ta' mara ngliża ħdejn id-delitti li l-Gvern Ingliż qiegħed jagħmel kontra d-drittijiet tal-poplu ċiprijott?" Iżda, mingħajr valorizzazzjoni ta' din l-osservazzjoni, jibqa' l-fatt illi, darba li l-kwerelat attribwixxa lill-kwerelanti addebitu speċifiku, huwa ma jistax jinvoka l-"jus ritorsionis" kontra l-addebitu magħmul lilu, bħala editur tas-"Sebħ", f'dik ir-riżoluzzjoni;

Dak l-addebitu għandu l-fattispeċje partikulari tiegħu, sew jekk jikkostitwixxi materjal libelluż jew le, sew, fil-każ fi iva, jagħtix lok għall-eċċezzjonijiet konnaturali għal dik il-materja, kompriża dik tal-verità tal-konviċju; kwistjonijiet dawn li ma jistgħux jiġu valutati f'dil-kawża, li l-oġġett tagħha jikkostitwixxi diffamazzjoni;

Għall-istess raġuni mhix sostenibbli l-aħħar eċċezzjoni tal-kwerelat, illi ċjoè l-ittra tal-kwerelanti diretta lilu għall-publikazzjoni tar-risposta tagħha għall-artikolu in

kwistjoni tinnewtralizza l-effetti penali tad-diffamazzjoni preżenti, fuq il-bażi li hija nġurjuża għall-kwerelant. Inoltre, dik l-ittra ma tikkostitwix, bħal każ preżenti, publikazzjoni bil-mezz tant diffuż tal-istampa;

Għal dawn il-motivi;

Tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjeż kontra l-kwerelat. Iż-żmien għall-publikazzjoni tas-sentenza, stabbilit mill-Ewwel Qorti, jibda jgħaddi millum. Dritt tad-difensuri tmien xelini għal kull seduta quddiem dil-Qorti.